MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Numru 604/2000

PULIZIJA
SUPRETENDENT ALEXANDRA MAMO
VS
ANTHONY ELLUL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anthony Ellul, ta’ 39 sena, bin il-mejjet John u Giusepa Curmi, imwieled Paola fit-13 ta’ Lulju 1961 u residenti fil-prezent Numru 13, Isouard Street, Marsa. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 545261(M)
U akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differnti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel

jitwemmen l-eziztenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila immaginarja, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm50,000 (ekwivalenti ghal 116,468.67 Ewro) bi hsara ta’ Anthony Attard bl-ammont ta’ Lm7,000 (ekwivalenti ghal 16,305.61 Ewro), ta’ Emanuel Mifsud bl-ammont ta’ Lm42,000 (ekwivalenti ghal 97,833.68 Ewro), tal-konjugi Casha bl-ammont ta’ Lm 560 (ekwivalenti ghal 1,304.45 Ewro) u diversi persuni u bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 309 u 310(l) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta
b. Talli approprjat ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu ili jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm50,000 (ekwivalenti ghal 116,468.67 Ewro) liema flejjes kienu jappartjenu lil dawn il-persuni hawn indikati: is-somma ta’ Lm17,000 (ekwivalenti ghal 39,599.35 Ewro) li tappartjeni lil Anthony Attard, is-somma ta’ Lm42,000 (ekwivalenti ghal 97,833.68 Ewro) li appartjeni lil Emanuel Mifsud u is-somma ta’ LM560 (ekwivalenti ghal 1,304.45 Ewro) li tappartjeni lil konjugi Casha u sommom ohra li jappartjenu lil diversi persuni ohra, liema flejjes kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew liu jsir uzu minhom specifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista issib il-htija fl-imputat.
Rat il-verbal tas-17 ta’ Marzu 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti. (ara fol. 190);

Semghat l-ammisjoni ta’ l-imputat;

Semghat il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib l-imputat hati skond l-akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tieni akkuza, u wara li rat Artiklu 18: 308, 309, 310, 28A, 28G, u 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija, sospizi ghal erba' snin. Inoltre tqeghdu taht 'supervision suspended order' ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorverljanza tad-Direttur tal-Probation Services, jew Probation officer iehor minnu nominat. Inoltre tordna ai termini ta' l-Artiklu 28H, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas il-kwerelanti Casha is-somma ta' Lm560 (ekwivalenti ghal 1,304.45 Ewro) u tordna lill-imputat ihallas lil kwerelanti Anthony Attard is-somma ta' Lm17,000 (ekwivalenti ghal 39,599.35 Ewro) u tordna lill-imputat ihallas lil kwerelanti Emanuel Mifsud is-somma ta' Lm42,000 (ekwivalenti ghal 97,833.68 Ewro) b'rati mensili fi zmien sitt xuhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti giet infurmata erronjament mill-imputat illi dan kien qed ihallas lil kwerelanti fil-mori tal-kawza u li saru proceduri ta' subbasta ghal bejgh tad-dar konjugali ta' l-imputat sabiex jithallsu l-istess kwerelanti izda gie stabbilit illi l-proceduri ttiehdu mill-bank illi kien ta facilita lill-imputat u martu ghal self u li r-rekavat tas-subbasta mhuwiex ser jissalvagwardja l-pretenzjonijiet tal-bank ahseb u ara dawk tal-kwerelanti. Fl-ghoti tal-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali raffrettarja ta' l-imputat u anki l-fatt illi l-imputat safa vittma ta' l-uzura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------